**Qorti tal-Appell Kriminali**

Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru. 516/2017

**Il-Pulizija**
**Spettur Yvonne Farrugia**

**Vs**

**Tawfik Issa Isslam**

Illum, 22 ta' Novembru, 2018

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Tawfik Issa Isslam detentur tal-karta ta' l-identita' numru 20380A akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta), bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

F'Mejju 2014 u fix xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

1. Ghamilt falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi hloqt pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhalt dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skrittturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zidt

jew bidilt klawsoli, dikjarazzjonijet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

2. Talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi xjentement ghamilt uzu minn att, kitba
   jew skrittura falza msemmija fl-artikolu 183 tal Kapitlu 9, Ligijiet ta' Malta;

3. Talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi sabiex tikseb xi vantagg jew beneficcju ghalik innifsek jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamilt dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew tghajt taghrif falz;

4. Talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi ghamilt falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamilt uzu minn xi dokument iehor falsifikat;

5. U aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, fi proceduri civili jew kriminali, geghelt li jsir jew xjentement igib, dokument falz;

6. Aktar talli ghamilt affidavit falz, waqt li kont taf li dak l-affidavit kien mehtieg jew mahsub ghal proceduri civili f'Malta;

7. Kif ukoll talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi bil-hsieb li testorci flus jew xi hag'ohra, jew li taghmel xi qligh, jew bil-hsieb li ggieghel lil persuna ohra tesegwixxi, tiddistruggi, tqalleb, jew tbiddel testment jew obbligazzjoni bil-miktub, titolu jew garanzija, jew taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga, gheddidt li taghmel denunzja jew kwerela kontra, jew li taghti malafama lil Michael Bugeja ta' Bilom Group jew xi persuna ohra;

8. U talli hlift il-falz quddiem imhallef, magistrat jew quddiem ufficjal iehor li jkollu s-setgha b'ligi li jaghti l-gurament;

9. U b'hekk int, Issa Isslam Tawfik, sirt recidiv a termini ta' Artikoli 49 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza moghtija mill-Imhallef J. Galea Debono LL.D. fit-2 ta' Frar 2006, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

   Il- Qorti giet ukoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta htija tikkundana lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta'esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) moghtija fit-23 ta' Novembru, 2017 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 18, 49, 103, 106, 108(a), 108(b), 183, 184, 188, 189 u 250 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Sabet lill-imsemmi imputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u kkundannatu ghal tmintax- il xahar prigunerija sospizi ghal tlitt snin ai termini tal-Artikolu 28A tal- Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is sentenza lill-imputat.

Rat ir-rikors tal-appellant Issa Isslam Tawfik minnu pprezentat fl-4 ta' Dicembru, 2017 fejn talab lil din il-Qorti tirrevokha ghal kollox l-istess sentenza u tilliberah minn kull imputazzjoni w htija.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

Illi l-aggravji tal-esponent huma manifesti u jirigwardaw is-sejbien ta' htija tal-imputat u l-piena nflitta mill-ewwel Onorabbli Qorti, ghar-ragunijiet hawn imfissra w cioe':

**L-ewwel Aggravju:**

Illi bir-rispett kollu nkwantu ghall-ewwel, t-tieni, r-raba u l-hames imputazzjonijet l-esponent ma ffalsifika ebda att awtentiku u pubbliku. Il-privileggi nkwistjoni gew iskritti skond il-ligi w l-ebda dokument rapprezentanti l-privileggi iskritti ma gew b'xi mod jew iehor falsifikati jew alterati. Il-falsifikazzjoni skond il-ligi kriminali tirrikjedi l-intervent dirett tal-imputat li b'xi mod jew iehor jaltera huwa nnifsu jew jiffalsifika dokument iehor awtentiku. Ghalhekk jsegwi, li billi huwa prevalixxa ruhu mid-drittijiet li taghtih il-ligi civili anke jekk ghad-direttura fi stadju iehor jkun pruvat li huwa ma jkollux dak id-dritt, dan ma jfissirx li l-pretensjonijiet tieghu espressi u l-pretensjonijiet tieghu riflessi fl-iskrizzjoni tal-privillegg li jsir quddiem nutar jew avukat jkun wiehed falsifikat.

**It-Tieni Aggarvju**

In nkwantu ghat-tielet imputazzjoni, dina anqas ma' tirrizulta. L-artikolu 2010(b) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, jipprovdi kawtela lil dawk il-kredituri li jesegwixxu xogholijiet u jipprovdu materjal gewwa propjeta immobbli. Teknikament tali kawtela ghandha ukoll tkun segwita b'kawza civili fin-nuqqas ta' hlas. Il-fatt li l-privilegg iskritt ai termini tal-artikolu 2010(b) ma jkun segwit b'kawza ghall-kanonnizzazzjoni ta' dak id-dritt pretiz, ma jfissirx li l-kreditur jkun hati ta' rejat kriminali, imma jintitola lil kull min jkun interessat li jikkontesta kwalsiazi pretensjoni fil-forum civili. Issa fil-kaz odjern, minkejja kull cahda li saret mill-kwerelant, l-esponent jsostni li huwa hadem xogholijiet ulterjuri wara s-sena 2010 fi propjetajiet ta' kumpaniji tal-kwerelant, ossia fil-propjetajiet indikati minnu fl-iskrizzjoni tal-privillegg specjali. Illi dan il-fatt kien ukoll korraborat minn Sharon Farrugia li sostniet li hija marret fuq il-lant tax-xoghol fejn kien qed jahdem l-appellant gewwa Santa Venera, u fejn hemm rat lill-appellant jahdem. Fl-istess contest sostniet li kienet ukoll thajjret tixtri propjeta fl-istress kumpless u giet

murija ukoll xi appartamenti mill-appellant u haddiema ohra tal-kwerelant. Min naha tieghu l-kwerelant jsostni li minn qabdu kien tah l-assikurazzjoni li kien ser jithallas u dana avolja fl-imghoddi kien hemm dizgwid mal-kwerelant. Kien ghalhekk li l-appellant accetta li jahdem fil-propjeta li maghha l-kwerelant kellu konnessjonijiet tramite l-kumpaniji tieghu. Dan ma jfissirx li kieku adirettura huwa minnu li l-kwerelant ma kellux konoxxenza tal-appellant, l-appellant ma kellux id-dritt li jiskrivi l-privilegg specjali skond il-ligi, sabiex jikkawtela d-drittijiet tieghu versu l-arrikkaent li jkun ghamel it-terz bix-xogholijiet li jkunu saru fil-propjeta tieghu.

In oltre', l-kwerelant jsostni li l-projetajiet nkwistjoni ma kellhom x'jaqsmu xejn ma' kumpaniji tieghu. Illi ghalhekk jsegwi li jekk kemm –l darba veru dan kien il-kaz, allura l-ebda hsara w / jew pregudizzju ma kien ser jkun qieghed jgarrab il-kwerelant.

**It-Tielet Aggravju**

Illi nkwantu <u>ghas-sitt u t-tmien imputazzjonijiet</u> din anqas ma tirrizulta. Illi fl-ewwel lok ghandu jkun rilevat li l-procedura tal-iskrizzjoni ta' privillegg specjali ai termini tal-artikolu 2010 tal-Kapitolu sittax tal-Ligijiet ta' Malta ma tirrekjedi ebda gurament. Illi fl-ebda hin ma gie pruvat li l-appellant ghamel xi affidavit jew ha gurament sabiex jikkonferma l-pretensjonijiet li huwa kellu fil-konfront tad-debitu jew debituri. In oltre' , l-appellant jsostni li huwa qatt ma kien qal lill-ispettur waqt l-interogazzjoni li huwa kien ha xi gurament jew ghamel affidavit, anzi jsostni li huwa kien inftiehem hazin mill-ispettur u li fuq domanda tal-ispettur kull ma kien qal kien biss, li huwa jiehu gurament fuq il-Koran. Fl-ebda hin ma kien qal li ghand l-avukat li mar ghandu kien ha xi gurament. Fi kwalunkwe kaz ma ngiebet l-ebda prova diretta jew indiretta li tikkorrabora t-tezi tal-prosekuzzjoni f'dan ir-rigward.

Illi bla pregudizzju ghall-permess ghandu ukoll jkun rilevat, li galadarba l-appellant jsostni u jemmen li huwa kreditur tal kwerelant, ebda tehid ta' gurament u jew ghoti ta adffidavit ma ghandu jitqies bhala gurament falz.

**Ir-Raba Aggravju**

Illi nkwantu ghas-seba imputazzjoni, dina titratta r-rejat tar-Rikatt kif kontemplat fl-artikolu 250 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi bir rispett kollu l-fatti speci tal-kaz bl-ebda mod ma jinkwadraw fil-parametri ta' artikolu surreferit. L-appellant jhossu ghal kollox sorpriz kif ghas-semplici fatt li huwa rrekkorra ghall-kawteli li taghtih il-ligi civili, qatt xi darba ghandu jitqies bhala rikatt. Illi l-elementi tar-rejat tar-rikatt jirrikjedu t-theddid li jaghmel denunzja jew kwerela kriminali jew jaghti malafama. Illi ghalhekk r-rejat tar-rikatt jissusisti biss meta l-imputat jirrkorri ghall insiwazzjonijiet ta' indoli kriminali bl-intiza li jirrikatta lil xi hadd jaghmel xi haga li ghaliha l-imputat ma jkollux dritt skond il-ligi. Fil-kaz odjern huwa ampjament pruvat li l-appellant ghamel xogholijiet ulterjuri ghall-beneficcju ta' xi wahda jew aktar mill-kumpaniji tal-kwerelant, u dana irrispettivament jekk il-kwerelant kienx konoxxenti jew kienx huwa stess li nkariga lill-appellant. Kif ga gie sottomess aktar –l fuq, kreditur li jinkwadra ruhu fil-parametri tal-artikolu 2010 (b) ghandu kull dritt moghti mill-istess artikolu li jiskrivi privilegg specjali fuq il-propjeta li jkun hadem fiha jew li fiha jkun issuplixxa materjal, u dana indipendentament minn min jkun qabbad lil min. Dan il privilegg specjali jigi krejat *ope legis*. Il-ligi tirrekjedi li jkun sar ix-xoghol u /jew gie provdut materjal fi-propjeta mmobbli li fuqha jkun krejat il-privillegg skond il-ligi. Il-pubblikazzjoni hija formalita li tirrikjedi l-ligi sabiex jsir pubbliku li tohloq l-ligi nnifisha fic-cirkostanzi in dezamina.

Konvenjentament il-kwerelant ha vantagg mill-fatt ki kien it-terz li nkariga lill-appellant jahdem go hwejjeg il-kumpanija / jew kumpaniji li fihom ghandu nteress, u uzu bhala difiza tieghu kontra l-pretensjonijiet tal-appellant, skrittura privata li kienet

saret f'Dicembru 2010 li tistabilixxi li kien sar hlas ghas-saldu. Illi madanakollu minkejja li saret dina l-iskrittura, dan ma jfissirx li ma kien sar xoghol ulterjuri, u anqas jfisser li l-appellant ma ghandux jiehu sommom ohra ghall-xogholijiet li saru wara u li l-kwerelant jew il-kumpaniji li fihom ghandu interess arrikkaw ruhhom mill-istess xogholijiet u/jew provizjon ta' materjal. Illi bir-rispett kollu l-ewwel Onorabbli Qorti ma kienetx korretta meta kkonkludiet li l-appellant ma ppruvax li kellu jiehu flus ohra oltre' dawk li kien precidentament thallas fl-2010. L-appellant spjega li wara l-2010 kien ghamel xogholijiet ulterjuri ghall-beneficcju ta' xi wahda jew aktar mill-kumpaniji tal-kwerelant, u dan gie korrabborat kemm mill-istess kwerelant fejn dan jghid li kien il-kuntrattur principali tieghu li qabbad lill-appellant jaghmel ix-xogholijiet u kemm ukoll minn Sharon Farrugia li maret fuq il-post u rat ukoll lill-appellant jaghmel ix-xogholijiet sa tard filghaxija u kienet hi ukoll li silfet flus lill-appellant sabiex jixtri xi materjal.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Quddiem l-Ewwel Qorti, il-Prosekuzzjoni pproduciet bhala xhieda lill-Ispettur Yvonne Farrugia, Michael Bugeja, Diego Giordiano[1], PC 878 Jurgen Muscat, Joseph Abela u Dr Amanda Pool ghan-nom tal-*Malta Financial Services Authority*. Dehret ir-Registratur tal-Qorti Dr Yvette Borg. Xehdu ukoll in-Nutar Dr Pierre Attard , in-Nutar Michael Laferla, l-Ispettur Angelo Gafa u n-Nutar Sharon Faith Farrugia.

[1] Il-verbal tas-seduta ta' nhar id-19 ta' Settembru, 2014 jirreferi ghal 'Diego Giordano' filwaqt isem u kunjom ix-xhud fit-traskrizzjoni taqra 'Diego Giordiano'.

Xehed l-imputat u Sharon Farrugia bhala xhud in difesa.

Quddiem l-Ewwel Qorti gew prezentati numru ta' dokumenti mill-prosekuzzjoni u mid-difiza;

L-Ewwel Qorti fis-sentenza taghha iddecidiet li:

*'Wara li rat l-Artikoli 18, 49, 103, 106, 108(a), 108(b), 183, 184, 188, 189 u 250 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u qieghda tikkundannha ghal tmintax-il xahar prigunerija sospizi ghal tlitt snin ai termini tal-Artiklu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.'*

Ghalkemm l-appellant ma ressaq l-ebda aggravju dwar dan, din il-Qorti osservat li l-Ewwel Qorti fil-parti disposittiva taghha fost artikoli ohra, niezlet l-artikoli 108(a) u 108(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema artikoli ma jexistux. Huwa evidenti li l-Ewwel Qorti setghet kienet qed tirreferi ghall-artikoli 108(1)(a) u 108(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta meta erronjament indikat l-artikoli 108(a) u 108(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi ghaldaqstant din il-Qorti sejra l-ewwel tistharreg jekk dan l-izball iwassalx ghan-nullita tas-sentenza appellata.

Ikkunsidrat;

L-artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra:

'*Il-qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena* ***u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat****.*' (Emfażi miżjuda)

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spt. Kevin Farrugia) vs Jesmond Spiteri'**[2] annullat is-sentenza tal-Ewwel Qorti wara li kkunsidrat li:

*'mill-ezami tas-sentenza appellata illi l- Ewwel Qorti ccitat l-Artikolu 130 tal-Kap. 10 tal-Ligijiet ta' Malta bhala l-Artikolu li suppost tahtu nstabet il-htija w dan l-Artikolu effettivament gie mhassar bl-Att XXVII tal-2001 u ghalhekk gie citat Artikolu li m'ghadux vigenti fil-Ligi w li lanqas kien vigenti meta giet kommessa l-allegata kontravvenzjoni f'Awissu 2007 u fix-xhur ta' qabel.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur AP Miruzzi) vs Stefan Abela'**[3] gie kkunsidrat li:

*'osservat mill-ezami tas-sentenza appellata li l-Ewwel Qorti , minkejja lil-appellant kien qed jigi akkuzat u instab hati ta' diversi reati li jaqghu taht ligijiet diversi w senjatament il-Kap. 66 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll taht ir-Regolamenti li jaqghu taht l- Avviz Legali 146/1993, meta giet biex ticcita l-artikoli tal-ligi li jkunu jikkontemplaw r-reati li taghhom l- appellant kien instab hati, ndikat biss b' mod generiku dan l-Avviz Legali u f' kaz wiehed biss indikat regolament (mhux artikolu kif intqal erronjament fis-sentenza) partikolari tal-istess regolamenti kontenuti fl-imsemmi Avviz Legali.*

*Ikkonsidrat ;*

*Li skond l-artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tal-Magistrati, meta taghti s-sentenza kontra l- imputat, ghandha tghid l-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena w ssemmi l-artikolu tal- Kodici Kriminali jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat;*

*Illi skond gurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti n- nuqqas li jsir dan jimporta n-nullita' tas-sentenza appellata. Dan ghaliex dan-nuqqas jammonta ghal nuqqas ta' formalita' sostanzjali fis-sens tal-artikolu 428 (3) tal-Kodici Kriminali.'*

---

[2] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-27 ta' Marzu, 2008 (Appell Kriminali numru: 420/2007)
[3] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-2 ta' Frar, 2006 (Appell Kriminali numru: 336/2005)

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Kevin Borg) vs Edward Chatlani'**[4] gie kkunsidrat li:

*'Hawn pero' din il-Qorti tirrileva li b' lapsus evidenti, l- Ewwel Qorti, fis-sentenza appellata, meta kienet qed telenka l-artikoli li tahthom sabet htija, ghamlet riferenza ghall-artikolu 288 (B), li ma jezistix fil-Kodici Kriminali, minnflok ghall-artikolu 298B li kien gie indikat lilha fic-citazzjoni mill-Prosekuzzjoni.*

*Dan l-izball jirrendi s-sentenza nulla ghall-inqas f' din il-parti taghha ghaliex, kif dejjem gie ritenut skond l- artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tal- Magistrati, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid l-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena w ssemmi l-artikolu tal-Kodici Kriminali jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r- reat; (App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Daniel Lanzon**"[5] u ohrajn)* (Emfazi mizjuda u data tas-sentenza kif citata tinstab aktar l-isfel fin-noti ta' qiegh il-pagna)

L-istess Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Kevin Borg) vs Edward Chatlani'**[6] ikkunsidrat ukoll:

*'Illi gie ukoll ritenut li l-indikazzjoni tal-artikolu hazin jew addirittura l-indikazzjoni tal-ligi skorretta hu ekwiparat ma n-nuqqas ta' citazzjoni tal-artikolu tal- ligi li tahtu tkun instabet htija. (ara "**Il-Pulizija vs. Mario Agius**"[7] u ohrajn)* (Emfażi miżjuda u data tas-sentenza citata tinstab aktar l-isfel fin-noti ta' qiegh il-pagna)

Il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spt. J. Mifsud) (Spt. A. Portelli) vs Christopher Scerri'**[8] ikkunsidrat:

*'Illi jikkoncedi x' jikkoncedi l-appellant dwar l-izball li ttiehed mill-Ewwel Qorti meta giet biex ticcita l-artikolu tal-ligi li tahtu kienet qed issib htija, huwa fatt li l-Ewwel Qorti erronjament*

---

[4] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-4 ta' Awissu, 2006 (Appell Kriminali numru: 97/2006)

[5] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-20 ta' Ottubru, 2005
[6] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-4 ta' Awissu, 2006 (Appell Kriminali numru: 97/2006)
[7] Deciza nhar it-3 ta' Frar, 1995
[8] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-1 ta' Novembru, 2007 (Appell Kriminali numru: 322/2007)

*iccitat artikolu ta' Kapitolu tal-Ligijiet ta' Malta hazin ghax minnflok iccitat il-Kapitolu 9, cioe' l-Kodici Kriminali, ccitat il-Kapitolu 12 u cioe' l-Kodici tal- Organizzazzjoni w Procedura Civili.*

*Illi dan skond gurisprudena ormai stabilita jgib in-nullita' tas-sentenza appellata w ghalkemm ma hemm ebda aggravju dwar dan fir-rikors tal-appell, din il-Qorti "ex officio" ma tistax thalli dan l-izball ghaddej qiesu ma kien xejn u - tikkonferma, tvarja jew tirrevoka sentenza appellata li tkun nulla ghax ticcita Kapitolu tal-ligi zbaljat bi ksur ta' dak li jiddisponi l-artikolu 382 tal-Kap. 9. Dan l-izball jammonta ghal nuqqas ta' formalita' sostanzjali li jwassal ghan-nullita' tas-sentenza appellata w l-Qorti tal- Appell ghandha tannulla w thassar dik is-sentenza w tisma l-kawza mill-gdid fil-mertu. (Ara App. Krim. **"Il- Pulizija vs. Joseph Muscat"**[9] , **"Il-Pulizija vs. Anthony Zahra "**[10]**; "Il-Pulizija vs. Charles Micallef"**[11] u ohrajn.)* (Emfazi mizjuda u dettalji tas-sentenzi citati jinsabu aktar l-isfel fin-noti ta' qiegh il-pagna)

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spt R. Vella) Vs Dennis Farrugia Omissis'**[12] gie kkunsidrat li:

'*Skond l-artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tal-Magistrati, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid l-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena w ssemmi l-artikolu tal-Kodici Kriminali jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat;*

*Illi skond gurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti n-nuqqas li jigi rispettat strettament il-vot tal-ligi fl-artikolu 382 jimporta n-nullita' tas-sentenza appellata. Dan ghaliex dan-nuqqas jammonta ghal nuqqas ta' formalita' sostanzjali fis-sens tal-artikolu 428 (3) tal-Kodici Kriminali.*'

---

[9] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-10 ta' Gunju, 1994
[10] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-26 ta' Mejju, 1994
[11] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-23 ta' Gunju, 1995
[12] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-30 ta' April, 2009 (Appell Kriminali Numru: 85/2009)

Ikkunsidrat;

L-izball mqajjem *ex officio* minn din il-Qorti, ossia l-indikazzjoni zbaljata mill-Ewwel Qorti tal-artikoli 108(a) u 108(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li huma inezistenti, irendi s-sentenza tal-Ewwel Qorti nulla stante kif hawn fuq kkunsidrat l-artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li sentenza kontra l-imputat ghandha fost rekwiziti ohra ssemmi l-artikoli tal-ligi li jikkontemplaw r-reat. Ghalhekk jirrizulta li dak rikjest ad validitatum skont l-artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ma giex osservat. Din il-Qorti ghalhekk qieghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-aggravji mressqa mill-appellant.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tannulla s-sentenza appellata u biex ma tipprivax lill-partijiet mill-beneficcju tad-"*doppio esame*", qed tirrinvija l-atti lil Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex il-kawza tigi trattata u deciza mill-gdid skond il-ligi.

Dr. Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur